MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 279/2011

Kawza fil-lista: 19

**A B (K.I. nru. 505380M)**

**Vs**

**C B (K.I. nru 582982M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu talab li l-Qorti:

1) Tippronunzja s-separazzjoni pesonali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2) Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Leandros u Tatiana lill-kontendenti b'mod kongunt;

3) Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

4) Tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha;

5) Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn sehemha fil-komunjoni tal-akkwisti u tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili u tordna li l-konvenuta tilfet il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili.

6) Tassenja d-dar matrimonjali lill-attur u tawtorizzah jghix fl-istess ad eskluzzjoni ta' martu bl-applikazzjoni tal-artikolu 55A tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta[1] li permezz taghha issottomettiet:-

1. Illi taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

[1] Fol. 140

2. Illi taqbel li l-kura u kustodja taz-zewg minuri ghandha tkun kongunta.

3. Taqbel mat-tielet talba.

4. Topponi parzjalment ghar-raba' talba stantel li l-konvenuta ma ghandha l-ebda beni parafernali tal-attur fil-pussess taghha.

5. Tikkontesta l-hames talba stante li ma tahtix ghall-firda personali ta' bejn il-kontendenti.

6. Topponi s-sitt talba peress li ma jezistux l-estremi mehtiega mil-ligi sabiex tigi akkolta.

Il-konvenuta ipprezentat kontro-talba[2] li permezz taghha talbet li l-Qorti,

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attur rikonvenzjonat;

2. Tillikwida ammont ta' manteniment li l-attur ihallas ghall-uliedu filwaqt li tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand il-konvenuta.

3. Tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri b'mod kongunt bejn il-partijiet.

4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess.

---

[2] Fol. 144

5. Tordna d-dekadenza tal-konvenuta mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kodici Civili.

6. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-konvenuta il-beni parafernali taghha.

7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-attur rikonvenzjonat fl-eventwali kontumajca tieghu fuq l-att ta’ divizzjon.

8. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha Schembri.

9. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta l-eventwali sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat.

Rat l-atti.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Responsabbilita’ ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

**Verzjoni tal-attur**.

Il-partijiet bdew johorgu flimkien meta kien ghad lanqas kellhom tmintax-il sena. F`Jannar 2002 kienu jafu li kienet qed tistenna tarbija u zzewgi fit-8 ta' Marzu 2002. Wara erba` xhur ftehmu li tieqaf mix-xoghol. Sfortunatament wara dan kollu tilfu t-tarbija ta` seba` xhur tqala. Kien xokk enormi ghat-tnejn li huma. Fftit xhur wara pero' regghet inqabdet tqila u eventwalment weldet l-ewwel wild tal-partijiet.

Minn hemm 'il quddiem ix-xhieda tal-partijiet hija kontrastanti ghall-ahhar.

L-attur jakkuza lill-konvenuta illi spiss kienet tkun gewwa bar li kien xtara ftit qabel missierha. Jghid li l-affarijiet kienu bdew sejrin hazin bejnithom ghaliex il-konvenuta bdiet tkun f'dan il-bar ta' missierha filwaqt li l-attur kien ikun xoghol.

Skond l-attur il-konvenuta kienet tqatta hafna hin fuq l-internet jew ticcettja jew tilghab il-loghgob.

L-attur spjega illi missierha kien sussegwentement irranga dan il-hanut li fih kien qed ikun hemm klijenti barranin fejn kien jintqal hafna diskors li ma kienx xieraq la ghat-tfal li l-konvenuta kien ikollha maghha u lanqas ghal mara mizzewga.

L-attur jghid li l-hanut ta' missier il-konvenuta kien spicca frekwentat b'numru ta' rgiel Afrikani li l-bicca l-kbira taghhom kienu kollha guvintur li jaraw kif se jsibu mara. Jghid li anke fil-presenza tieghu kien isir diskors fil-hanut ta' missier il-konvenuta b'konnotazzjoni sesswali. Jilmenta li l-konvenuta kienet tmur f'dan il-hanut b'ilbies provokanti. Jghid li dawn l-affarijiet baqghu ghaddejjin ghal perjodu sew sakemm f`April 2010 sar jaf li qed qed ticcettja ma' ragel ta' nazzjonalita' Nigerjana fejn gew skambjati kliem sentimentali.

Dwar il-komportamenti tal-konvenuta xhedu wkoll Maria Aia B, omm l-attur (fol. 39 ), Paul B, missier l-attur (fol. 44), Dominic B, hu l-attur (fol. 46), Charmaine B, il-mara ta' hu l-attur, Joseph Cauchi, iz-ziju tal-attur kif ukoll f'affidavits ta' kollegi tax-xoghol tal-attur (fol. 54 et. seq).

L-attur jirrakkonta episodju fejn hu u l-konvenuta kienu marru Dubai bl-iskop li jsalvaw ir-relazzjoni ta'bejniethom izda jirrakonta kif dan sfaxxa fix-xejn peress li meta kienu hemm il-konvenuta riedet

tiltaqa' ma' ragel li kienet ticcettja mieghu. Meta irritornaw mill-btala il-konvenuta kompliet izzid fil-hinijiet twal li kienet tqatta fuq l-internet ticcettja mal-irgiel. L-attur jghid li dak iz-zmien martu kienet bdiet tghidlu kollox u sahansitra spicca bhala friend fuq il-facebook taghha. Jghid li qata qalbu ghal kollox meta marru ghand huh ghax minn fuq ritratti u kummenti ta` facebook saru jafu li l-konvenuta kienet saret thobb ragel iehor u hemhekk qaltlu li mhux se tahseb fit-tfal imma f`hajjitha

Din is-sitwazzjoni kompliet sakemm fl-ahhar il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali bit-tfal u marret tghix ghand il-genituri taghha u sussegwentement marret tikkoabita ma' persuna ta' nazzjonalita' Nigerjana li llum ghandha minnu zewgt itfal.

Dwar l-imgieba tal-attur b'mod partikolari fuq il-post tax-xoghol xhedu Adrian Philip Coleiro, Simon Calleja Urry, Patrick Cutajar, Romuald Aquilina, Patrick Agius, Damien Cassar, Lisa Maria Cilia, George Vella, u Edward Duncan kollegi fejn jahdem l-attur li b'mod generali jfahhru l-kwalitajiet tal-attur u jiddekrivuh bhala ragel responsabbli u tal-familja. tistenna tarbija ohra.(Vide Fol.38 t-tieni paragrafu).

**Verzjoni tal-konvenuta**.

Il-konvenuta xhedet[3] illi l-ewwel darba li ltaqghet mal-attur kien ghad ghandha hmistax-il sena. Tispjega li l-problemi matrimonjali ta' bejn il-partijiet bdew meta meta A kien qed iqatta hin twil bil-lejl fuq il-kompjuter fejn kien jghidilha li jkun jahdem. Spjegat li meta ikkonfrontatu fuq din il-kwistjoni huwa kien waqaf ghal xi zmien izda tghid li wara li kellhom lil Tatiana rega beda iqatta hin twil fuq il-computer dejjem bi skuza li issa kelhom bzonn aktar flus izda fil-verita ma kienx ikun qed jahdem imma jara l-pornografija.

Iddecidew li jbiddlu d-dar u marru jghixu gol-penthouse fis-sular ta` fuq ta` l-istess blokka. Tghid li kienet kuntenta li bidlu d-dar matrimonjali u kienet ferhana ghax hasbet li setghu jibdew kapitlu gdid f`hajjithom izda sabet li kienet zbaljata ghax ir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet kompliet tmur ghal aghar.

[3] Affidavit a fol. 153

Spjegat li meta bidlu d-dar il-kompjuter ghamluh fil-kamra tat-tifla izda skopriet li l-attur beda jmur juzah biex jara l-pornografija meta t-tifla tkun rieqda. B'dan l-attegjament l-imhabba taghha lejh bdiet tispicca.

Xhedet ukoll li kien spiss jghajjarha bil-persuna taghha.

Tghid li ghal habta ta` Mejju 2010 A kien sar jaf li kienet qed ticcettja ma wiehed u hadha kontriha. Tghid li kienet sabet lil xi hadd li tista titkellem mieghu meta ma zewgha ma setetx titkellem aktar, Tghid li kienu kellmu lil ommha u lil omm l-attur u kien l-attur li qalilhom bil-problemi ta' bejniethom b'mod partikolari li hi kienet qed ticcettja ma' ragel iehor u hu jara l-pornografija. Dwar din il-laqgha xehdet wkoll Rita Schembri, omm il-konvenuta.[4] Tal-familja ssuggerew li jmorru x`imkien minghajr t-tfal forsi kien ghad hemm ic-cans li jsolvu z-zwieg. Tghid li marru Dubai izda bejniethom il-problemi baqghu jikbru tant li sabitu jiccettja ma' tfajla.

Tghid li z-zwieg ma setax ikompli u ma setghetx tibqa bit-tama li z-zwieg isalva. .Tghid li wara ftit granet A gie qalilha li hu mar ikellem Avukat u ghalhekk hi marret tfittex wiehed ghaliha. Tghid li l-ghada kien gie qalilha li ha l-flus kollha li kellhom il-bank u hi rrabjat u qaltlu li riedet sehemha lura. Minn hemm bdiet tqisha mara separata u li riedet tfendi ghal rasha u tahseb ghat-tfal.

Tghid li minn meta spiccat ir-relazzjoni ta` bejnha u l-attur kienet ghatxana ghall-imhabba u fil-fatt ltaqet mas-sieheb li ghandha llum. Ma' din il-persuna hija qed tibni familja. Il-konvenuta xhedet illi meta nqabdet tqila b'Daniel kienet gia' f'relazzjoni mas-sieheb taghha tallum u kien ghalhekk li l-attur kellu jiftah kawza ta' denegata paternita' peress li l-wild li kellha kien gie registrat fuq l-attur. Ms-sieheb odjern taghha kienet iltaqet f'Gunuj tas-sena 2010.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

In tema legali ghandu jinghad illi l-eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi huma motivi ghal separazzjoni personali daqs kemm huwa l-adulterju.

[4] Fol. 163

Kif gie deciz fil-kawza '**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**'[5] iccitata mill-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha:

"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji. Ix-xehha, il-gelozija, il-lussurja, il-privazzjoni tal-mara mil-liberta' onesta, il-komunikazzjoni ta' certu mara provenjenti mill-izreogolatezza…. Huma kollha materja li jidhlu taht il-kawzali tas-sevizji."

Fuq l-istess linja hija s-sentenza '**Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius'**[6]:

"Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi. Huma sevizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti"

Intqal ukoll illi "s-sevizji jistghu jikkonsistu f'atti abitwali ta' krudelta' li joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghha". (**Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**).[7]

Fir-rigward l-adulterju minn konjugi hija floka il-kwotazzjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tass-entenza moghija fl-ismijiet "**Rita Spiteri vs Av. Dr. Albert Grech et noe**"[8] fejn intqal li l-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali.

---

[5] Prim' Awla tal-Qorti Civili, 30/06/1961
[6] Qorti tal-Appell, 10/12/1951
[7] Qorti tal-Appell, 25/05/1942
[8] Prima' Awla tal-Qorti Civili, 16/04/1953

Wara li analizzat il-provi mressqa l-Qorti hi tal-fehma illi iz-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku illi in-nuqqas serju ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet wassal ghal sitwazzjoni fejn it-tnejn li huma sabu zvog billi jqattghu hinijiet twal fuq il-kompjuter jimirhu f'dinja virtwali jikkomunikaw ma' terzi persuni daqs li kieku ma kienux persuni mizzewga bir-responsabbiltajiet li jimporta z-zwieg.

Iz-zewg partijiet spiccaw jakkuzaw lill-xulxin bil-htija ghat-tkissir tal-hajja matrimonjali taghhom. Il-provi juru pero' illi l-htija tinstab fuq iz-zewg nahat.

Il-konvenuta tikkontendi illi hija bdiet relazzjoni ma' ragel iehor meta qatghet qalba li z-zwieg taghha mal-attur seta' jigi salvat u li z-zwieg kien tkisser irrimedjabbilment.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm jirrizulta li meta bdiet ir-relazzjoni taghha mas-sieheb attwali taghha iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien tkisser irrimedjabbilment, dan l-istat ta' fatt ma jikkonfortax it-tezi tal-konvenuta in kwantu kif spjegat *supra* hija l-fehma ta' din il-Qorti illi f'dak l-istadju iz-zewg partijiet kienu jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, qabel ma' l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni mas-sieheb attwali taghha. L-adulterju ammess tal-konvenuta issigilla darba ghal dejjem it-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Fil-fatt gie ppruvat illi fit-22 ta' Gunju 2010 il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali biz-zewgt itfal minuri u marret toqghod ghand il-genituri taghhha sakemm tlett xhur wara bdiet toqghod go fond iehor mas-sieheb attwali taghha. Pero' jirrizulta li minn qabel ma telqet mid-dar hija gia' kellha relazzjonijiet intimi ma' dan il-persuna. L-ewwel wild taghha minn din ir-relazzjoni twieled fl-4 ta' April 2011 u ghalhekk huwa ippruvat li sa minn Lulju 2010 hija kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna. Fix-xhieda taghha tammetti illi tali relazzjonijiet intimi kienu gia' bdew minn qabel.

L-attur min-naha tieghu huwa hati ta' mohqrija u ingurji gravi sew bil-komportament tieghu mal-konvenuta b'tghajjir u kliem dispreggjattiv kontinwu fil-konfront tal-konvenuta kif ukoll bl-uzu tal-internet biex jaccessa siti pornografici fuq medda ta' zmien. Tali agir jammonta ghal eccessi, mohqrija u ingurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib sew lill-attur kif ukoll lill-konvenuta responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom f'sehem indaqs.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

Iz-zewg minuri Leandros u Tatiana ghadhom minorenni u jabitaw flimkien mal-omm, mas-sieheb taghha u mal-ulied li l-konvenuta llum ghandha mis-sieheb taghha.

Iz-zewg partijiet jaqblu li l-kura u kustodja taz-zewg minuri ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet u li ghandhom jibqghu jirrisjedu ma' ommhom.

Mill-atti ma jirrizulta xejn li tali arrangament huwa ta' detriment ghall-minuri u ghalhekk il-Qorti ser tipprovdi dwar kura u kustodja kongunta u residenza mal-omm b'access favur il-missier kif qed isir sa issa.

**Manteniment ghall-Minuri**.

Fis-27 ta' Marzu 2012[9] kien inghata digriet fil-mori tal-kawza fejn l-attur kien gie ordnat ihallas lill-konvenuta manteniment *pendente lite* ghaz-zewg ulied minuri fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar otre l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha.

Il-minuri Leandros u Tatiana ghandhom ghaxra u disa' snin rispettivament.

A fol. 219 jinstab prospett ezebit mill-konvenuta dwar spejjez rikorrenti pretizi fir-rigward taz-zewg minuri filwaqt li a fol. 233 jinstab prospett ezebit mill-attur rigwardani l-ispejjez minnu pretizi. A fol. 234 u 235 gew ezebiti mill-attur FS3's ghas-snin 2009 u 2010. Skond l-ahhar dokument id-dhul gross tieghu annwali kien ta' sebgha u ghoxrien elf, tmien mija u tmienja u tletin ewro (€27,838) li minnhom tnaqqsu €3,055 taxxa tad-dhul u €1,609 kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali.

[9] Fol. 237

Jirrizulta mill-atti li l-attur ma hallasx manteniment ghall-minuri ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2010 u ta' Jannar, Frar, Novembru u Dicembru 2011. Ghalhekk hemm dovut mill-attur lill-konvenuta is-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2,100) ghax-xhur indikati.

Wara li hadet kollox in konsiderazzjoni il-Qorti hi tal-fehma illi huwa indikat li l-manteniment li l-attur ghandu jhallas ghaz-zewg minuri ghandu jkun ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal kull wild, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

**Data tat-Tkissir taz-Zwieg.**

**Artikolu 48 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

**Artikolu 40 tal-Kap. 16**.

*Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment*:

**Artikolu 51 Kap.16**

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

**Artikolu 52 Kap.16**

.

*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda*.

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta rikonvenzjonanti qed jitolbu reciprokament li jigu applikati fil-konfront ta’ xulxin l-effetti tal-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili. Il-Qorti gia’ stabbilit illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet.

Bis-sahha tal-artikoli appena citati il-Qorti qed tiddikjara illi gialadarba qed issib liz-zewg partijiet hatja f’sehem ugwali ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, qed tiddikjara li l-partijiet irrendew rruhhom hatja tat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg b’effett minn Jannar 2010. Ghaldaqstant qed tikkommina fil-konfront ta’ xulxin is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16. b’dan illi b’effett minn Jannar 2010 il-konvenuta m’ghandiex tippartecipa fid-dhul tal-attur mill-impieg tieghu.

Konsegwentement il-Qorti qed tqis illi l-pagamenti li l-attur effettwa lill-bank minn Jannar 2010 ‘il quddiem huma kreditu li huwa ghandu kontra l-komunjoni tal-akkwisti u jigi lilu rifuz una volta l-fond matrimonjali jinbiegh kif ser jigi provdut aktar ‘il quddiem.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Il-partijiet huma sidien tad-dar matrimonjali u cioe’ Sardinella Court, Penthouse 7, Triq il-Brunzar, Santa Venera li l-partijiet kienu xtraw ghal prezz ta’ Lm45,000 ekwivalenti ghal €104,822. Dan il-fond inxtara matul iz-zwieg. Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar kemm inhargu flus minn kull parti.

Gie esebit kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 12 ta` Novembru 2007[10] minn fejn jirrizulta li Joseph u Emmanuela mizzewgin Axisa bieghu dan il-fond lill-partijiet ghall-prezz ta’ hamsa u erbghin elf lira Maltin (LM 45,000) ekwivalenti ghal Euros 104,821.80. Fl-imsemmi kuntratt jinghad ukoll illi bis-sahha ta` dan l-att l-HSBC Bank Malta p.l.c. qieghed jaghti u jissomministra b`titolu ta` self lill-partijiet s-somma ta` Lm45,000 ekwivalenti ghal €104,821.80. Wara li saru u inghataw is-soliti garanziji ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet ta` dana l-att u partikolarment tar-restituzzjoni tas-somma mislufa lill-klijenti u tal-interessi li jkunu jiddekorru fuqha, u spejjes maghmula mill-Bank, jinghad illi s-self huwa ghal zmien stipulat ta` madwar tmienja u tletin (38) sena.

[10] Fol. 106

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez li inhargu qabel Jannar 2010 kienu spejjez li inhargu minn fondi li kienu jappartjenu liz-zewg partijiet f'sehem indaqs peress li kienu jifformaw parti mill-assi tal-komunjoni. Irrizulta illi minn Jannar 2010 kien l-attur wahdu illi qed ihallas il-pagamenti mensili lill-bank in rifuzzjoni tas-self li l-partijiet kienu hadu mill-bank sabiex akkwistaw il-fond matrimonjali.

Peress li l-fond immobbli mhux komodament divizibbli il-Qorti ser tordna l-bejgh tieghu b'dan illi mir-rikavat ghandu l-ewwel jigi saldat il-bilanc li baqa' dovut lill-bank, imbaghad jigi mhallas lill-attur it-total tal-pagamenti li l-attur effettwa lill-bank kif imsemmi minn Jannar 2010 sal-jum li fih tali ezercizzju jkun qed isehh, u l-bilanc jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

Dwar mobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti l-attur xhed li l-konvenuta hafna affarijiet minn god-dar taghhom biex timla l-flat li bdiet tikri u li fih qeghda tghix mas-sieheb taghha. Allega wkoll li haditlu d-deheb li kellu li skond l-attur ghandu valur ta' circa €1,600 flimkien mad-deheb li kien xtralha matul iz-zwieg flimkien mar-rigali tal-maghmudija, pracett u grizma li membri tal-familja kienu irregalaw f'dawk l-okkazzjonijiet. Dan gie kontestat mill-konvenuta.

F'dan ir-rigward il-Qorti qed tiddeciedi illi l-effetti mobbli li l-konvenuta hadet mid-dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lilha filwaqt li l-effett mobbli li ghadhom fil-pussess tal-attur ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attur. Ghaldaqstant qed tordna li l-vettura llum fil-pussess tal-attur tigi assenjata lilu u l-vettura attwalment fil-pussess tal-konvenuta tigi assenjata lilha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qeghda tiddeciedi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta u dawk tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali billi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom kif fuq spjegat.

2. Tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri Leandros u Tatiana liz-zewg partijiet b'mod kongunt, b'dan illi ghandhom jirrisjedu mal-omm filwaqt li l-missier jezercita access ghall-minuri kif miftiehem bejn il-partijiet. Tordna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg minuri is-somma ta' mitejn ewro (€200) ghall-kull wild liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni kontra ricevuti, liema manteniment jibqa' jithallas lill-konvenuta sakemm l-ulied minuri jibqghu jghixu maghha anke sa l-eta' ta' tlieta u ghoxrien sena jekk jibqghu jistudjaw *full-time* u tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma ta' €2,100 rapprezentanti arretrati ta' mantenimet kif fuq spjegat.

3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida l-istess bil-mod kif deciz aktar 'il fuq taht it-titolu 'Komunjoni tal-Akkwisti' b'dan qed tordna l-bejgh tal-fond Penthouse 7, Sardinella Court, Triq il-Brunzar, Santa Venera, liema bejgh ghandu jsir mhux qabel sena millum sakemm il-partijiet ma jkunux sabu l-bejgh taghha fis-suq liberu jew lahqu ftehim mod iehor. Ghaldaqstant tordna li l-attur jizgombra mid-dar matrimonjali sa mhux aktar tard minn sena millum jew zmien xahar minn meta jigi ffirmat konvenju ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, liema minnhom tigi l-ewwel. Ir-rikavat ghandu jigi spartiti bil-mod kif fuq spjegat taht it-titolu 'Komunjoni tal-Akkwisti'.

4. Tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili b'effett minn Jannar 2010 tapplika kontrihom it-tnejn is-sanzjonijiet reciprokament mitluba miz-zewg partijiet.

5. Tichad it-talbiet reciproci fir-rigward ta' beni parafernali.

6. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Schembri'.

7. Tawtorizza lill-partijiet jirregistraw fir-Registru Pubbliku din is-sentenza.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------